# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Drogi 46/99***

***Pulizija***

***Sp. Josric Mifsud***

***v***

***Anna Grech***

Illum 4 ta' Frar 2002

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali (semplici)** tad-droga eroina, referibbilment ghad-data tal-*25 ta' Settembru u t-tmien xhur ta' qabel din id-data;* u **Traffikar** tal-istess droga – referribbilment ghall-*25 ta' Settembru 1998 u l-erba gimghat ta' qabel din id-data;* kif ukoll **Recidivita'.**

***Kwadru tal-fatti***

Illi fuq informazzjoni anonima li rceviet il-pulizija fil-25 ta' Settembru 1998 ghal habta tal-12.45 pm, u li kienet fis-sens li Anna Grech kienet qeda tabbuza mid-droga fir-residenza taghha; il-pulizija ghamlu

inkursjoni fil-fond indikat u hemm sabet fost ohrajn, lill-imputata u habiba taghha, flimkien mat-tfal zghar taghhom.

Illi l-pulizija sabet u elevat tlett siringi mimlijin b' likwidu li, mill-perizja forensika rrizulta li kien droga eroina.

Illi fi stqarrija rilaxxjata mill-imputata lill-pulizija u li kienet giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti l-imputata, *inter alia*, ammettiet li tnejn mis-siringi kienu ghal uzu taghha mentri s-siringa l-ohra kienet tal-habiba taghha. L-imputata ammettiet li kienet tabbuza bil-konsum mid-droga eroina u li kienet ilha b' dan il-vizzju ghal circa tmien xhur. Hija ammettiet li fl-ahhar xahar qabel l-imsemmija data kienet tikkonsuma d-droga flimkien mal-habiba taghha, u ghamlet hekk circa erba jew hames darbiet.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta car li dana mhux kaz ta' Traffikar ta' droga izda ta' abbuz bil-konsum. Il-provi juru li l-imputat kienet kkonsumat l-eroina mal-habiba taghha. Jrrizulta car li dawna kien jiftehmu li jakkwistaw id-droga u jikkonsumawha flimkien. Di fatti meta intervjeniet il-pulizija sabithom fi stadju li kienu ser jabbuzaw flimkien min din id-droga.

In vista tal-premess il-Qorti hi tal-fehma li <u>t-tieni akkuza</u> li tirreferi ghall-25 ta' Settembru 1998 u l-erba gimghat ta' qabel, ma tissusstix in kwantu ghar-reat ta' Traffikar, izda tissussisti limitatament ghar-**reat minuri ta' Pussess Illegali (Semplici)** tad-droga eroina li huwa **kompriz u involut** fir-reat ta' Traffikar.

Illi in kwantu ghall-ewwel akkuza, il-Qorti tosserva li din l-akkuza, kif imfassla, ma tistax treggi stante li mhux indikat b' mod car u defenit il-perijodu inkriminat u precisament ma hemmx indikat **is-sena** li ghaliha tirreferi l-akkuza.

Illi in kwantu ghall-akkuza tar-**recidivita',** il-Qorti tosserva li din giet sodisfacentement provata permezz tas-sentenza markata dokument S1 u l-verbal mghamul mid-difiza fis-26 ta' Lulju 1999.

***Piena***

In propositu ghall-piena l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputata u hadet in konsiderazzjoni wkoll ix-xhieda tal-imghallem taghha u hija tal-fehma li m' ghandhiex timponi fuqha; izda in vista tat-tip ta' droga involuta u s-sitwazzjoni familjari tal-imputata, thoss opportun li tpoggi lill-imputata that is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien tnax il-xahar.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputata hatja skond t-tieni akkuza limitatament ghar-reat ta' **Pussess Illegali (Semplici)** tad-droga, a tenur tar-regolament 8 tal-GN 292/39 kif ukoll talli hija recidiva a tenur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Carmen Borg ghal zmien tnax .il-xhar*** bil-obbligu li l-istess imputata toqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

Ma ssibhiex hatja tal-kumplament tal-akkuza u tilliberaha minnha.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***

*Vera Kopja*

***Bruno Zahra***

***Deputat Registratur***